# L-IMSIEFER... IGĦANNI

*Lil ħabibi Ġużè Sammut*

Mhux qalbi ġagħlitni nitbiegħed,
Ja Malta, mix-xemx li tgħattik;
Mhux frugħa, wasslitni biex niċħad
Ir-risq li l-Mulej ħeba fik;

Għax qalbi biss tiegħek
Irsira li xejn ma jħassarha:
L-irbit li jjassarha
La l-bogħod u la ż-żmien ma jħolluh.

Kif nilmaħ ix-xemx ta' filgħodu
Xbihetek tidhirli fil-ħsieb;
U jhewden fik moħħi flgħaxija
X'ħin l-aħħar xaqq dawl ikun dieb.

Fil-ħolm, kull x'ħin rieqed,
Art niesi, dlonk ismek minn fommi
Flimkien m'isem ommi
Jaqbiżli, jniddini * bid-dmugħ.

Hawnhekk għadni nisma' wkoll l-għana
Li jtennu l-għasafar ħenjin;
Ukoll tal-widien nisma' l-ħsejjes
Li jgelglu għar-raba', safjin:

M'għadux iżda jidwi
Id-daqq, ġe' widnejja, ta' lsieni;
Id-daqq li jimlieni
Bil-ħajja, bis-saħħa, bil-ferħ.

Irrid illi b'ħilti jiżżejjen
Ġieħ l-Art li jien minnha mifrud:
Irrid li taħt sema barrani
Ngħix sewwa ta' malti w immut.

Għax malti twelidi
U Malta mexxietli t-trobbija;
Għax malti ġe' fija
Ibaqbaq inħoss jien id-demm.

B'kara 30-7-33 KARM VELLA

* verb ġej min-nom *nida*